**FIL-BORD DWAR IL-KONTROLL TAL-KIRI TAR-RABA**

**Magistrat Dr Joseph Apap Bologna BA. LL.D.**

**Illum, 28 ta' Jannar, 2000**

**Rikors Nru: 3B/96**

**Mark Darmanin u Mario Spiteri ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Arkio Developments Limited**

**vs**

**Saverio, Salvina mart Carmel Chircop, Maria mart Joseph Schembri, Carmelo, Rosina mart Joseph Psaila, Joseph, Carmen mart Amante Bugeja, Gaetano, Rita mart Benedict Farrugia, Jane mart Angelo Magri, ahwa D'Amato**

Il-Bord,

Ra ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti nomine wara li ppremettew illi s-socjeta' rikorrenti hija proprjetarja tal-ghalqa maghrufa bhala ta' "Bur Langasa" fin-Nigret limiti taz-Zurrieq ta' kejl ta' circa ta' elfejn erba' mija u tnejn u tmenin punt sitta tlieta metri kwadri (2482.3m) liema art hija mqabbla lill-intimati b'qbiela ta' lira u hamsa u sebghin centezmu fis-sena pagabbli kull 15 ta' Awissu.

Illi r-rikorrenti noe jixtiequ jiehdu lura l-pussess ta' din l-art peress illi jehtieguha ghall-kostruzzjoni ta' bini li ghalih diga' ghandhom il-permessi mehtiega mill-awtoritajiet kompetenti.

Talbu bir-rispett illi dan l-Onorabbli Bord jogghbu (1) Jordna l-izgumbrament ta' l-intimati mill-ghalqa maghrufa bhala "Ta' Bur Langasa" fin-Nigret limiti taz-Zurrieq u (2) li jillikwida l-kumpens talvolta dovut ghat-termini ta' l-

artikolu 4 (5) tal-Kap 199 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan taht kull provediment li jidhrilha xieraq.

Ra id-dokumenti kollha minn fol 7 sa fol 22 tal-process u minn fol 42 sa fol 45 ibid.

Ra ir-risposta tal-intimati a fol 23 tal-process li biha esponew;

1. Illi, fl-ewwel lok, is-socjeta' rikorrenti ghandha ggib il-prova opportuna li hija proprjetarja tat-terren involut f'din il-kawza.

2 Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, ghandha ssir il-prova ghar-rigward tal-permessi tal-bini li tallega li ghandha l-istess socjeta'.

3. Bir-riserva ta' eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-atti kollha tal-kawza inkluz id-digriet tas-6 ta' Novembru 1996 (a fol 29 ibid) li bih gew nominati bhala Periti Teknici il-Perit Frederick Valentino u Anthony Mifsud.

Ra ukoll ir-relazzjoni tal-istess periti a fol 33 tal-process.

Ikkunsidra;

Illi, in rigward il-prova dwar it-titolu tar-rikorrenti nomine, dan jirrizulta ampjament pruvat mix-xhieda tal-istess Mario Spiteri ( a fol 24 u 25 ibid) li esebixxa il-kuntratt relattiv anness mal-atti bhala Dok. MS1 a fol 7 et seq.

Ikkunsidra:

Illi in rigward permessi ta' bini issir referenza ghall-istess xhieda kif ukoll ghad-dokumenti esebiti mill-istess xhud u annessi mal-atti bhala MS2, MS3 u MS4 a fol 11 sa 22 tal-process inkluza is-"site plan" a fol 12.

Illi, ulterjorment, permezz ta' nota prezentata mill-imsemmi Mark Darmanin et nomine, gie esebit dokument markat Dok. MDX minn fol 42 sa 45 tal-process in konnessjoni ma' permess ta' bini.

Ikkunsidra:

Illi kif jidher mir-relazzjoni tal-Periti Teknici ( a fol 33 tal-process) il-kumpens dovut skond il-ligi in materia u li ghandu jithallas lill-intimati gie likwidat fl-ammont ta' Lm747.

Ikkunsidra:

Illi l-intimati inghataw l-opportunita' sabiex jipproducu il-provi taghhom. Pero' l-ebda prova ma giet sottomessa mill-intimati (ara fol 47, 48 u 49 ibid).

Ikkunsidra:

Illi a basi tal-premess, it-talba tar-rikorrenti nomine trid tigi akkolta tenut kont tal-fatt li bir-risposta taghhom, l-intimati ghamlu referenza biss ghall-provi tat-titolu tar-rikorrenti nomine u dik in rigward permessi ta' bini.

Ghal dawn il-motivi jilqa' it-talbiet kif dedotti fl-istess rikors u;

1) Jordna l-izgumbrament tal-intimati mill-ghalqa maghrufa bhala "Ta' Bur Langasa" In-Nigret, limiti taz-Zurrieq u dan sal-15 ta' Awissu 2000;

2) Jillikwida il-kumpens dovut u li ghandu jithallas mir-rikorrenti nomine lill-intimat fis-somma ta' Lm747 u dan skond l-artikolu 4 (5) tal-Kapitolu 199 tal-Ligijiet ta' Malta;

L-ispejjez jithallsu nofs (1/2) mir-rikorrenti nomine u nofs (1/2) mill-intimati.

Alan Calleja
Dep.Reg.